

## IL-QORTI ĠENERALI

### **Sentenza tal-Qorti Ģeneralni tal-20 ta' Lulju 2016 – Oikonomopoulos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-483/13)<sup>(1)</sup>

**“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Danni kkawżati mill-Kummissjoni fil-kuntest ta’ investigazzjoni tal-OLAF u mill-OLAF — Rikors għad-danni — Talba għal konstatazzjoni tal-ineżistenza ġuridika u tal-inammissibbiltà ta’ atti tal-OLAF, għall-finijiet probatorji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali — Ammissibbiltà — Użu ħażin ta’ poter — Ipproċessar ta’ data personali — Drittijiet tad-difiża”**

(2016/C 326/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

#### **Partiċċiet**

Rikorrenti: Athanassios Oikonomopoulos (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment N. Korogiannakis u I. Zarzoura, sussegwentement G. Georgios, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u A. Sauka, aġenti)

#### **Suġġett**

Minn naħa, talba għal kumpens għad-danni kkawżati mill-Kummissjoni u mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) u, min-naħħa l-oħra, talba sabiex azzjonijiet tal-OLAF jiġu ddikjarati ġuridikament ineżistenti u inammissibbli għall-finijiet probatorji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali.

#### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Athanassios Oikonomopoulos huwa kkundannat għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedura għall-miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 344, 23.11.2013.

---

### **Sentenza tal-Qorti Ģeneralni tal-21 ta' Lulju 2016 – Bredenkamp et vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni**

(Kawża T-66/14)<sup>(1)</sup>

**(“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħħuda kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe — Iffriżar ta’ fondi — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)**

(2016/C 326/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

#### **Partiċċiet**

Rikorrenti: John Arnold Bredenkamp (Harare, iż-Żimbabwe), Echo Delta (Holdings) PCC Ltd (Castletown, il-Gżira ta’ Man), Scottlee Holdings (Private) Ltd (Harare), Fodya (Private) Ltd (Harare) (rappreżentanti: P. Moser, QC, u G. Martin, solicitor)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u E. Dumitriu Segnana, aġenti), u l-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Bartelt, D. Gauci u T. Scharf, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li rikorrenti allegatament sofrew minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 77/2009, tas-26 ta' Jannar 2009, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ġerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU 2009, L 23, p. 5), tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 173/2010, tal-25 ta' Frar 2010, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ġerti miżuri fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU 2010, L 51, p. 13), u tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 174/2011, tat-23 ta' Frar 2011, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ġertu miżuri fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU 2011, L 49, p. 23).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) John Arnold Bredenkamp, Echo Delta (Holdings) PCC Ltd, Scottlee Holdings (Private), Ltd u Fodya (Private) Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 112, 14.4.2014.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-20 ta' Lulju 2016 – TeamBank vs EUIPO – Easy Asset Management (e@sy Credit)

(Kawża T-745/14) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva e@sy Credit — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti EasyCredit — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 326/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: TeamBank AG Nürnberg (Nürnberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Lindner, D. Terheggen u T. Kiphuth, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn P. Geroulakos, sussegwentement minn D. Gája, aġġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Easy Asset Management AD (Sofija, il-Bulgarja) (rappreżentanti: M. Georgieva-Tabakova u H. Raychev, avukati)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Settembru 2014 (Każ R 1975/2013-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità bejn Easy Asset Management u TeamBank AG Nürnberg.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TeamBank AG Nürnberg hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C ##, ##